# 137. Ix-Xitan iż-Zopp

Ix-Xitan iz-Zopp mistagħġeb
ġol-infern kif bil-miljuni
l-irġiel kienu qegħdin jaslu,
xtaq ikun jaf ir-raġuni.

“Imħabba n-nisa, mħabba n-nisa!”
Kull raġel kien jgħid bil-ħrara.
Ix-Xitan iz-Zopp fid-dinja
ried li jiġi sabiex jara.

Neħħa l-qrun u neħħa denbu,
il-barbetti u l-frenżiet,
minn imnieħru neħħa l-ponta,
libes ġlekk, libes qalziet;

Ġie fid-dinja, qabad waħda,
kienet armla bla ulied,
iżda qabel ma jiżżewġu
kundizzjoni jagħmel ried:

Li sakemm jibqgħu għarajjes
tista’ titlob li tixtieq;
iżda wara li jiżżewġu
titlob x’titlob tibqa’ għarrieq.

Il-għarusa wisq imxennqa
laqgħet din il-kundizzjoni;
u x-Xitan biex ineħħilha
ta’ kull xewqa t-tentazzjoni,

Xtralha lbies sabiex ikollha
sakemm tagħkes bix-xjuħija,
żraben, kriepet, coats u xalel...
kpiepel biss xtralha tliet mija.

Kif iżżewġu sat-tijatru
tara l-opra ħadha gala,
u, kif jagħmlu n-nisa kollha,
qagħdet tgħarrex ġewwa s-sala;

Rat l-ilbies tan-nisa kollha,
il-kappell ta’ kull sinjura;
fost il-kpiepel lemħet wieħed
illi bħalu f’daqs u sura

Ma kellhiex fost it-tliet mija.
Ħdaret bl-għira f’daqqa waħda
xħin ftakret fil-kundizzjoni
illi kellha tibqa’ mċaħħda.

Ix-Xitan raha inkwetata,
“X’ġara?” staqsa kollu ħlewwa;
qaltlu “Xejn”; iżda issikkaha,
“La trid taf,” qaltlu, “mhux sewwa

“Illi l-Barunissa jkollha
kappell li bħalu eżatt
jien m’għandix, u lanqas nista’
nitlob biss li jkolli qatt!”

Ix-Xitan bir-rabja qabeż;
“Issa,” qal, “issa qed nifhem
kif l-irġiel imħabba n-nisa
ġol-infern bir-ruħ u l-ġisem

“Gzuz ġejjin!” U qam bil-herra
ġot-tijatru kollu nies,
lil martu telaq weħidha,
lejn l-infern ġera bla qies.

U minn dakinhar hu beda
lill-irġiel jagħder daqsxejn;
ġewwa n-nar faħam u ħatab
jitfa’ qoffa minflok tnejn.